# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 7 ta' Ottubru, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**vs**
**Omissis**

**Drogi Numru 18/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Omissis

Akkuzat talli fis-27 ta' Jannar 2019 ghall-habta tal-11.00pm u fil-hinijiet ta' qabel, waqt li kien gewwa l-Lukanda Santa Marija fi Triq ir-Ramel San Pawl il-Bahar kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-eta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni x-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

In oltre l-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tas-sustanza u oggetti esebiti bhala Dok GS2,** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-imprt ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**